# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## *SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

### GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 3 TA' MEJJU, 2002

### Avviz Nru: 628/02 AJD

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra**

**vs**

**Tivoli Caterers Co. Limited**

## It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Marzu, 2002, fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici hlas ta' Royalty fl-ammont ta' tnejn u tletin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm32.20), kwantu ghal tmienja u ghoxrin lira Maltin (Lm28.00) Royalty u erba' liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm4.20) Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq l-istess Royalty dovut bil-quddiem, in konnessjoni mal-licenzja Nru. 9641 (Dok. A), rilaxxjata mis-socjeta' attrici a favur tas-socjeta' konvenuta rigwardanti l-istabbiliment Shantine Hall ghall-perijodu mis-6 ta' Ottubru, 2001, sal-5 ta' Ottubru, 2002.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra legali tal-31 ta' Dicembru, 2001, kif ukol dawk tal-Avviz, u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra li s-socjeta’ konvenuta debitament notifikata, baqghet ma deheritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-P.L. Josette Attard, ghas-socjeta’ attrici, li kkonfermat li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta‘ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tnejn u tletin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm32.20), bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta’ konvenuta skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**